MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Lulju, 2020

Appell Inferjuri Numru 22/2019 LM

**Josianne Abela**
*(l-appellanta)*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*(l-appellat)*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

*1.* Dan huwa appell magħmul mill-appellanta **Josianne Abela** (K.I. 364280M), mid-deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Settembru, 2019 (minn issa 'l

quddiem "id-deċiżjoni appellata") mill-Arbitru għas-Sigurtà Soċjali (minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"), li ċaħad l-appell interpost mill-appellanta, u kkonferma d-deċiżjoni tad-**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** (minn issa 'l quddiem "l-appellat") li fid-9 ta' Ġunju, 2016 iddeċieda li l-appellanta ma kinitx iktar intitolata għall-Għajnuna Soċjali peress li l-valur kapitali tal-proprjetà tal-membri tal-familja tagħha kien jeċċedi l-erbatax-il elf Euro (€14,000).

## Fatti

2. L-appellanta hija persuna li kienet tirċievi l-benefiċċju tal-Għajnuna Soċjali (SA). F'ittra mibgħuta lilha fid-9 ta' Ġunju, 2016, hija ġiet mgħarrfa li ma kinitx iktar intitolata għall-Għajnuna Soċjali peress li l-valur kapitali tal-proprjetà tal-membri kollha tal-familja tagħha jeċċedi l-erbatax-il elf Euro (€14,000). Ġiet infurmatha wkoll li f'każ li ma taqbilx ma' din id-deċiżjoni hija kellha d-dritt tappella lill-Arbitru. Jirriżulta li d-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-fatt li l-appellanta kienet dehret fuq kuntratt għall-bejgħ ta' proprjetà, id-dar bin-numri 57 u 59, Triq Ġorġ Stevens, il-Fgura, kif suġġetta għas-subċens annwu u perpetwu ta' €69.88 fis-sena, u l-prezz tal-bejgħ ta' din id-dar kien ta' mija u tmienja u sittin elf Euro (€168,000). L-appellanta kellha s-sehem ta' kwart indiviż minn din id-dar peress li din kienet ġejja minn wirt tal-ġenituri tagħha, u għalhekk is-sehem tagħha mill-bejgħ ta' din id-dar kien ta' tnejn u erbgħin elf Euro (€42,000). Kienu dawn il-

fatturi li wasslu lid-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali jinforma lill-appellanta li hija ma kinitx għadha eliġibbli għall-benefiċċju tal-Għajnuna Soċjali minħabba li kellha kapital li jaqbeż il-limitu impost mil-liġi.

**Mertu**

3. L-appellanta appellat minn din id-deċiżjoni quddiem l-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali, permezz ta' appell intavolat minnha fis-6 ta' Lulju, 2016. Waqt is-seduti li nżammu quddiem l-Arbitru, l-appellanta kkonfermat li hija kienet wirtet proprjetà mingħand il-ġenituri tagħha, liema proprjetà nbiegħet u r-rikavat inqasam bejn l-erba' aħwa. Filwaqt li ċaħad l-appell interpost mill-appellanta, l-Arbitru innota fid-deċiżjoni tiegħu, li din tista' terġa' tapplika sabiex terġa' tibda titħallas il-benefiċċju li kienet tirċievi qabel, sakemm iġġib prova dokumentarja dwar kif hija nefqet it-tnejn u erbgħin elf Euro (€42,000) li kienet irċeviet mill-bejgħ tal-imsemmija proprjetà, jew almenu ta' x'għamlet bil-parti l-kbira ta' dawn il-flejjes sabiex ma baqgħalhiex kapital ta' erbatax-il elf Euro (€14,000).

**Id-Deċiżjoni Appellata**

4. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija fit-30 ta' Settembru, 2019, l-Arbitru ċaħad l-appell imressaq mill-appellanta mid-deċiżjoni meħuda mid-Direttur

Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali fid-9 ta' Ġunju, 2016, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ill fid-9 ta' Ġunju 2016, l-appellat Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali informa lill-appellanta illi hija m'għadhiex aktar intitolata għall-Għajnuna Soċjali (SA) għaliex il-valur kapitali tal-proprjetà tal-membri kollha tal-familja tagħha hu aktar minn €14,000;*
>
> *Illi fis-6 ta' Lulju 2016, l-Uffiċċju tal-Arbitru rċieva l-appell intavolat mill-appellanta għad-deċiżjoni sopraċitata;*
>
> *Illi fit-22 ta' Novembru 2016, l-Uffiċċju tal-Arbitru rċieva r-risposta tal-appellat Direttur Ġenerali flimkien ma' dokumenti annessi. Illi din l-għajnuna ġiet lilha mwaqqfa għar-raġuni li minn kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà ġewwa '57, Triq Ġorġ Stevens, Fgura', flimkien mal-garage li jġib in-numru '59', fl-istess Triq Ġorġ Stevens, Fgura, għall-ammont ta' €168,000, sehem l-appellanta kien ta' wieħed minn erbgħa, b'ammont totali ta' €42,000 u għalhekk id-Direttur Ġenerali ma setax ikun sodisfatt li l-valur tar-Riżorsi Kapitali tal-appellanta ma kienx jeċċedi l-limitu ta' €14,000. Kopja tal-kuntratt ta' bejgħ tal-proprjetà u l-garage ġie mehmuż mar-risposta tal-appellat Direttur Ġenerali;*
>
> *Illi waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2017, l-appellanta bil-ġurament tagħha stess ikkonfermat illi kienet wirtet proprjetà, post t'ommha u ta' missierha f'Marzu 2016. L-appellanta kompliet tikkonferma li l-post inbiegħ u r-rikavat inqasam bejn erbgħa. L-appellanta tgħid li l-post għamel żmien magħluq peress li f'dan il-post kien sar qtil fl-1996 u l-post kien għamel żmien taħt sorveljanza tal-pulizija. Għaldaqstant il-post għamel mal-għaxar snin magħluq għax ma sabux il-bejgħ tiegħu peress li kien ġara l-każ. L-appellanta tikkonferma li missierha miet fl-2010 u li l-post inbiegħ bl-aġenti;*
>
> *Illi waqt is-seduta tat-3 ta' Ottubru 2017 dehret l-appellanta assistita mill-Avukat Dr Gatt li ġab a konjizzjoni tal-Arbitru li għandu* clearance *verbali mingħand Guido Demarco & Associates li kien ippreżenta l-appell f'UMP 199/17, b'hekk l-Arbitru ordna li ż-żewġ appelli jinstemgħu fl-istess ġurnata;*
>
> *Illi waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2017 xehdet l-appellanta li bil-ġurament tagħha stess ikkonfermat illi marret kemm-il darba d-Dipartiment u li kienet toqgħod Ħaż-Żabbar meta kienet tieħu l-*Orphans' Allowance*. L-appellanta sostniet illi mill-*

*Uffiċċju Distrettwali ta' Ħaż-Żabbar kienu qalulha li setgħet tibqa' tieħu dak il-benefiċċju tal-*Orphans' Allowance *avolja kienet wirtet il-flus. L-appellanta kkonkludiet li oħtha kienet applikat għall-Għajnuna Soċjali* (Single Parent) *u kienet ingħatatilha;*

*Illi fl-istess seduta tal-31 ta' Ottubru 2017, l-Arbitru talab l-appellanta sabiex tissottometti Nota sal-15 ta' Jannar 2018;*

*Illi fit-3 ta' Jannar 2018, l-Arbitru irċieva n-Nota ta' Sottomissjonijiet għan-nom ta' Josianne Abela ppreparata minn Dr David Camilleri u Dr Joseph Gatt;*

*Illi f'din-Nota ta' Sottomissjonijiet l-Appellanta tissottometti illi d-deċiżjoni appellata hija min-natura tagħha waħda amministrattiva u kważi ġudizzjarja u għaldaqstant iġġib magħha n-nullità tad-deċiżjoni de quo; u l-inapplikabilità tal-Artikolu 102 tal-kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn dan l-artikolu jitkellem dwar ħlas żejjed li jkun sar bi żball, u li fil-każ odjern ma kienx hemm żball peress li l-pagamenti li saru lill-Appellanta kienu ġew awtorizzati mid-Direttur tad-Dipartimenti u għalhekk ma kienx jeżisti ebda żball;*

*L-Arbitru ħa nota li l-oppożizzjoni tal-appellanta hija bbażata biss fuq punt legali u mhux fuq punt fattwali. Għalhekk il-fatti kif stabbiliti mid-Dipartiment mhumiex qed jiġu kkontestati;*

*L-Appellanta tirreferi għan-nullità tad-deċiżjoni peress li d-deċiżjoni hija ta' natura amministrattiva, li wieħed jista' jirreferi għaliha wkoll bħala deċiżjoni kważi ġudizzjarja u għalhekk għandha tirrispetta r-rekwiżiti ta' smigħ xieraq kif stabbilit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*L-Arbitru ma jaqbilx mal-appellanta fir-rigward tal-prinċipji tad-deċiżjoni, li oriġinarjament ittieħdu mid-Dipartiment. Filwaqt li huwa lil hinn minn dibattitu, li d-deċiżjoni li qiegħda tiġi kkunsidrata mill-Arbitru hija deċiżjoni amministrattiva, li meta ttieħdet, id-Dipartiment kellu jaġixxi b'mod oġġettiv, trasparenti, integrali u rispettiv, liema prinċipji jgħinu sabiex itejbu l-kwalità ta' amministrazzjoni pubblika, isaħħu s-saltna tad-dritt u jnaqqsu l-probabbilità li l-poter diskrezzjonali jintuża b'mod arbitrarju;*

*Ir-rekwiżiti li l-Appellanta lmentat minnhom huma elementi li jkunu meħtieġa fir-reviżjoni tad-Deċiżjoni Amministrattiva meħuda f'termini tal-prinċipji indikati hawn fuq. Fil-proċeduri odjerni, l-Appellanta għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-prinċipji*

*kollha meħtieġa fi kwalunkwe każ ta' smigħ xieraq skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Barra minn hekk, appelli minn deċiżjonijiet tal-Arbitru sal-Qrati tal-Appelli (Ġurisdizzjoni Inferjuri) MHUMIEX limitati għall-punti ta' liġi biss, iżda jinkludu wkoll punti ta' fatt. Għaldaqstant dan l-ilment (aggravju) tal-Appellanta qiegħed jiġi miċħud.*

*Fir-rigward tat-tieni aggravju tal-Appellanta, jiġifieri l-applikabilità tal-Artikolu 102 (1) (ii) tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellanta tat interpretazzjoni li mhux riflessa fil-kliem tal-liġi. Fil-fatt l-Artikolu indikat hawn fuq jistipula li "kull persuna li tkun irċeviet xi somma bħala benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna taħt dan l-Att li ma kellhiex dritt għalih skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-att, għandha tħallas lura lid-Direttur," għalhekk il-liġi ma tirreferi għall-ebda tip ta' żball. L-Appellanta ssostni li l-pagament ma sarx bi żball għaliex kien awtorizzat mid-Dipartiment. Madanakollu, il-Liġi ma tirreferix għal żball, iżda tirreferi għal somma li persuna tkun irċeviet mingħajr ma tkun intitolata għaliha. Għaldaqstant il-punt ewlieni huwa l-element tal-eliġibbilità;*

*Illi d-Direttur Ġenerali ippreżenta eċċezzjoni fir-rigward tal-punt tat-tardività tal-Appell.Id -Dipartiment jirreferi għad-data tad-deċiżjoni u d-data tal-appell. Madanakollu, il-liġi tirreferi għad-data li fiha d-Direttur Ġenerali jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu bil-miktub lill-applikant jew lill-benefiċjarju skont il-każ; peress li ma tressqet l-ebda evidenza li tindika meta l-Appellanta rċeviet id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali, din it-talba qiegħda tiġi miċħuda.*

*Illi fl-aħħarnett l-Arbitru jinnota li xejn ma jipprojbixxi lill-Appellanta milli terġa' tapplika għall-benefiċċju in kwistjoni u tiddokumenta l-mod li bih hija użat il-parti l-kbira tal-ħlas li rċeviet mill-bejgħ tal-bini fil-Fgura. Is-sehem approssimattiv tagħha kien ta' €42,000 u għalhekk l-appellanta trid tiddokumenta l-mod ta' kif dan l-ammont niżel għall-anqas minn €14,000 sabiex hija tkun eliġibbli għall-benefiċċju soċjali in kwistjoni."*

## **L-Appell**

5. L-appellanta ppreżentat l-appell tagħha mid-deċiżjoni appellata fil-15 ta' Novembru, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *"... jogħġobha tħassar, tirrevoka u tikkanċella d-deċiżjoni tal-Arbitru datata 30 ta' Settembru 2019 u konsegwentement tħassar, tirrevoka u tikkanċella wkoll id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali datata 9 ta' Ġunju 2016 li kien iddeċieda li l-appellanta m'għadhiex intitolata għall-għajnuna soċjali, bl-ispejjeż kontra l-appellat."*

6. L-appellanta tgħid li meta ħa d-deċiżjoni tiegħu, id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali ma mexiex mal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u dan meta d-deċiżjoni li ħa kienet waħda mhux biss amministrattiva, iżda wkoll kważi ġudizzjarja, ladarba l-unika mezz li kellha l-appellanta biex tattakka din id-deċiżjoni kien permezz ta' proċeduri ġudizzjarji. L-appellanta tgħid li l-appellat naqas milli jinfurmaha bl-investigazzjoni tiegħu qabel wasal għad-deċiżjoni fil-konfront tagħha, u għalhekk hija qatt ma ngħatat l-opportunità li tispjega l-pożizzjoni tagħha. L-appellanta tgħid li sa fejn id-deċiżjoni tal-appellat ittieħdet mingħajr mhija ngħatat ċans tispjega s-sitwazzjoni tagħha, id-deċiżjoni tal-appellat hija nulla. L-appellanta tgħid ukoll li d-deċiżjoni tal-Arbitru hija waħda ta' natura kważi ġudizzjarja, u għalhekk qiegħda tinvoka d-dritt tagħha li tingħata smigħ xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, liema dritt hija tgħid li ġie mċaħħad lilha. L-appellanta ssemmi l-prinċipju tal-*audi alteram partem,* u tgħid li qabel ittieħdet deċiżjoni amministrattiva fil-konfront tagħha, hija mhux biss kellha tiġi mgħarrfa, iżda kellha tingħata widen għal dak li kellha xi tgħid u tingħata l-opportunità tiddefendi l-każ tagħha. Qalet ukoll li meta persuna ma tingħatax smigħ xieraq, ma jistax ikun hemm trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet. L-appellanta qalet li d-deċiżjoni fil-konfront tagħha ttieħdet mill-appellat

mingħajr mhija ngħatat l-opportunità tispjega ruħha, u għalhekk id-deċiżjoni tiegħu fil-konfront tagħha ttieħdet fl-għama u mingħajr mhija ġiet mgħarrfa bir-raġuni għalfejn ittieħdet.

## Ir-Risposta tal-Appell

7. Fir-risposta tal-appell tiegħu, l-appellat wieġeb li l-appell interpost mill-appellanta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt peress li d-deċiżjoni meħuda minnu ttieħdet skont il-liġi, partikolarment skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318, wara li saret evalwazzjoni tal-provi kollha pertinenti għall-każ. L-appellat spjega li mill-provi rriżulta li sas-6 ta' Mejju, 2016 l-appellanta kienet tirċievi l-Għajnuna Soċjali, u minn investigazzjoni li saret mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali rriżulta li hija kienet biegħet is-sehem indiviż tagħha mill-fond bin-numru 57, Triq Ġorg Stevens, il-Fgura, li nbiegħ bil-prezz ta' €168,000 permezz ta' kuntratt li ġie ffirmat fis-16 ta' Marzu, 2016. Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, l-appellat ma kienx sodisfatt li l-appellanta kienet għadha tikkonforma mar-rekwiżiti tal-liġi sabiex tibqa' intitolata għall-Għajnuna Soċjali, u kien għalhekk li l-appellanta ġiet infurmata permezz ta' ittra tad-9 ta' Ġunju, 2016 bid-deċiżjoni li kienet ser titwaqqfilha l-Għajnuna Soċjali. L-appellat spjega li l-appellanta kienet appellat minn din id-deċiżjoni, ai termini tal-artikolu 108 tal-Kap. 318, imma wara li dan l-appell ġie kkunsidrat mill-Arbitru, l-appellanta ġiet infurmata li d-deċiżjoni meħuda fil-konfront tagħha

ma kinitx ser tinbidel, u konsegwentement l-Għajnuna Soċjali li kienet tirċievi kienet ser titwaqqfilha. Kien għalhekk li l-appellanta intavolat l-appell odjern. L-appellat qal li minn qari tas-sottomissjonijiet li l-appellanta għamlet quddiem l-Arbitru, jirriżulta li hija qiegħda tibbaża l-lanjanza tagħha li ma ngħatatx smigħ xieraq fuq dak li jipprovdi l-artikolu 469A tal-Kap. 12, u qiegħda tistieden lill-Qorti tagħmel stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil amministrattiv tiegħu. L-appellat qal li l-appellanta mkien ma tikkontesta l-fatti u l-provi prodotti quddiem l-appellat, u għalhekk huwa qiegħed jifhem li l-appell tagħha mhux imsejjes fuq xi oppożizzjoni għall-fatt li hija m'għadhiex intitolata għall-Għajnuna Soċjali minħabba li l-kapital tagħha jeċċedi l-erbatax-il elf Euro (€14,000), iżda biss fuq l-allegazzjoni li hija ma ngħatatx smigħ xieraq. L-appellat żied jgħid li l-appellanta ma kellha l-ebda dritt tfittex li tannulla d-deċiżjoni tiegħu quddiem l-Arbitru abbażi ta' ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, għaliex ir-rimedju għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv jingħata biss mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili abbażi tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 jew mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva skont il-Kap. 490, u mhux mill-Arbitru. L-appellat spjega li filwaqt li huwa bħala Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali għandu d-diskrezzjoni jiddeċiedi t-talbiet imressqa quddiemu billi jilqagħhom, jiċħadhom jew jirrevedihom, persuna affettwata minn tali deċiżjonijiet għandha dritt tappella mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali quddiem l-Arbitru, kif fil-fatt għamlet l-appellanta. L-appellat qal li abbażi tal-Kap. 490, l-Umpire huwa meqjus bħala Tribunal Amministrattiv, li għandu l-obbligi li japplika l-Prinċipji ta' Mġiba Amministrattiva Tajba, iżda b'dan

m'għandux ifisser li l-Arbitru għandu jiddeċiedi kawżi fejn jintalab stħarriġ ta' għemil amministrattiv. L-appellat qal li f'każ li jkun hemm kwistjonijiet ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv fil-konfront tiegħu, dawn għandhom jinstemgħu mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili abbażi tal-artikolu 469A tal-Kap. 12. In vista ta' dan, l-Arbitru ta deċiżjoni tajba meta ċaħad l-aggravju tal-appellanta. Madanakollu, sostna l-appellat, id-dritt tal-appellanta għal smigħ xieraq qatt ma ġie mittiefes, u żied jgħid li minkejja li huwa vestit bid-diskrezzjoni li jieħu d-deċiżjonijiet neċessarji fejn jilqa', jiċħad jew jirrevedi t-talbiet li jsirulu minn żmien għal żmien, din id-diskrezzjoni tiegħu mhijiex waħda assoluta. L-appellat qal li l-argument tal-appellanta li d-deċiżjoni meħuda minnu hija *binding,* jirrisali fuq il-fieragħ, għaliex li kieku huwa minnu li din id-deċiżjoni hija waħda *binding* u aħħarija, hija ma kienx ikollha d-dritt li tressaq appell quddiem l-Arbitru. L-appellat qal li r-relazzjoni tiegħu mal-appellanta hija bbażata fuq il-presuppost tal-fiduċja, u l-appellanta kellha l-obbligu li tkun veritiera u li tgħid il-verità kollha dwar id-dħul tagħha jew dwar xi tibdil fil-kundizzjoni tagħha li b'xi mod tista' taffettwalha d-dħul. L-appellat qal li kieku l-appellanta osservat dan l-obbligu tagħha, huwa ma kienx ikollu għalfejn jiskopri waħdu li hija kellha dħul li jeċċedi l-limiti tal-kapital imposti fil-liġi, u konsegwenza ta' dan kellu jiddeċiedi li hija ma kinitx għadha tissodisfa r-rekwiżiti sabiex tibqa' tirċievi l-Għajnuna Soċjali. L-appellat spjega li mhijiex prassi tad-Dipartiment li jiddiskuti mal-persuna kkonċernata d-deċiżjoni li jkun ser jieħu fil-konfront tagħha, imma dan ma jfissirx li b'daqshekk qiegħed jinkiser il-prinċipju tal-*audi alteram partem* 'il għaliex tali deċiżjoni dejjem

tista' tinbidel f'każ li persuna tressaq provi suffiċjenti quddiem xi wieħed mill-uffiċjali fl-uffiċċji distrettwali tad-Dipartiment jew quddiem l-Arbitru, li permezz tagħhom ikun hemm lok għal reviżjoni tad-deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali. L-appellat jgħid li l-appellanta kienet taf li hija ħbiet informazzjoni importanti minnu sabiex tqarraq bih, u l-kuntratt ta' bejgħ kien prova suffiċjenti għall-appellat li l-appellanta kienet ħbiet minnu l-fatt li hija kellha kapital suffiċjenti li ma jintitolahiex aktar għall-Għajnuna Soċjali. Spjega li d-deċiżjoni tiegħu ttieħdet b'mod trasparenti, oġġettiv, integru u bil-għan li titjieb l-amministrazzjoni pubblika. L-appellat spjega li diversi drabi jsib li meta jibgħat għall-persuni li jkunu qegħdin jirċievu l-Għajnuna Soċjali sabiex ikellimhom, dawn ħafna drabi jonqsu milli jattendu għall-appuntament li jingħataw, iżda meta persuna tirċievi ittra bid-deċiżjoni li jkun ser jitwaqqfilha l-benefiċċju, u tiġi infurmata li għandha dritt tappella minn dik id-deċiżjoni, dawk il-persuni minn jeddhom ifittxu li jistabbilixxu kuntatt mad-Dipartiment ikkonċernat. Qal li huwa m'għandu l-ebda obbligu jinforma lil tali persuni li għandhom dritt ta' appell, iżda huwa xorta waħda jagħmel dan sabiex jassigura li persuna tippreżenta u tiddefendi l-każ tagħha quddiem l-Arbitru f'każ li tħoss li għandha tagħmel dan. L-appellat qal ukoll li l-appellanta naqset milli ġġib provi suffiċjenti u *statements* li juru b'mod kredibbli u ġust il-kapital ta' tnejn u erbgħin elf Euro (€42,000) kif intefaq minnha. Żied jgħid li l-appellanta mkien ma wriet jew allegat li huwa għamel xi żball fil-liġi jew li d-deċiżjoni tiegħu kienet waħda żbaljata, u għalhekk la l-Arbitru u lanqas din il-

Qorti ma jistgħu jiskartaw id-deċiżjoni tiegħu, għaliex din hija bbażata fuq evalwazzjoni tal-provi kollha li huwa kellu għad-dispożizzjoni tiegħu.

In vista taċ-ċirkostanzi partikolari li kien għaddej minnhom l-pajjiż u li wasslu għall-għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja, permezz ta' digriet tat-22 ta' April, 2020 din il-Qorti kkonċediet lill-partijiet l-fakultà li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub minflok *viva voce, seduta stante*. Is-sottomissjonijiet tal-appellanta ġew ippreżentati fit-8 ta' Mejju, 2020, filwaqt li s-sottomissjonijiet tal-appellat ġew ippreżentati fl-14 ta' Mejju 2020. Il-Qorti kkonsidrat dawn is-sottomissjonijiet bil-miktub.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. L-appellanta tgħid li fir-risposta għall-appell tiegħu, l-appellat jikkonferma li l-prinċipji tal-ġustizzja naturali ma jiġux osservati minnu fid-deċiżjonijiet li jieħu, u dan għaliex biex jasal għad-deċiżjonijiet tiegħu, huwa ma jibgħatx għall-persuna kkonċernati u ma jismax il-verżjoni tagħhom. Hija tgħid li l-prinċipji ta' ġustizzja naturali ma jistgħu qatt jiġu injorati, u dawn il-prinċipji jmorru lil hinn minn dak li jipprovdu l-liġijiet statutorji tal-pajjiż. L-appellanta tgħid li mhux minnu li l-aggravju li fuqu qiegħda ssejjes l-appell tagħha huwa wieħed frivolu, u f'każ li l-appellat jemmen li dan huwa l-każ, huwa kellu kull opportunità jitlob lill-Qorti tissanzjona dan l-aġir tagħha. L-appellanta tgħid li lil hinn mill-konsiderazzjoni dwar jekk id-deċiżjoni meħuda

mill-appellat hijiex waħda li torbot jew le, il-prinċipju tal-*audi alteram partem* kellu jiġi rispettat anki fid-deċiżjoni li ħa d-Direttur Ġenerali qabel mhija ħadet il-każ tagħha quddiem l-Arbitru. L-appellanta tgħid li d-deċiżjoni meħuda mill-appellat tista' titqies li hija deċiżjoni li ttieħdet minn organu kważi ġudizzjarju, ladarba l-uniku appell minn tali deċiżjoni huwa tramite organi ġudizzjarji. L-appellanta ssostni li minkejja li l-appellat jinsisti li m'hemm xejn fil-liġi li jobbligah jisma' lill-appellanta, id-deċiżjoni tiegħu ma tistax titqies li hi waħda korretta u m'għandhiex tiġi aċċettata ladarba hija ġiet mċaħħad mid-dritt li tispjega l-pożizzjoni tagħha, u dan irrispettivament jekk l-appellat kienx ser jasal għall-istess konklużjoni kieku hija ngħatat smigħ. Fis-sottomissjonijiet tagħha l-appellanta saħqet li ladarba l-prinċipji tal-ġustizzja naturali ma ġewx rispettati, hemm lok fejn id-deċiżjoni li ttieħdet mill-appellat tiġi annullata.

9. L-appellat min-naħa tiegħu jsostni li minkejja li l-appellanta intavolat dan l-appell, il-fatti u l-bażi tad-deċiżjoni tiegħu jibqgħu mhux ikkontestati minnha. Jgħid li l-appell tal-appellanta huwa msejjes fuq il-konsiderazzjoni li ladarba huwa ħa deċiżjoni ta' xeħta amministrattiva, hija kellha tiġi infurmata qabel ittieħdet id-deċiżjoni fil-konfront tagħha, sabiex tkun tista' tressaq il-każ tagħha, u ladarba l-appellat ma mexiex mal-prinċipji tal-ġustizzja naturali għax ma tahiex dik l-opportunità, id-deċiżjoni tal-appellat hija nulla. L-appellat jissottometti li dak li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tevalwa l-aggravji mressqa fl-appell, li għandhom iwasslu għal '*review on the merits',* filwaqt li l-istħarriġ ġudizzjarju li qiegħda titlob l-appellanta jipprovdi għal '*review*' li jieħu lill-Qorti lil hinn mill-mertu tal-każ. L-appellat qal li l-ilment tal-appellanta diġà

ġie indirizzat mill-Arbitru, li huwa adit bil-poter li jirrevedi jew jibdel id-deċiżjoni meħuda mill-appellat, u żied jgħid li la l-Arbitru, u lanqas din il-Qorti ma jistgħu jidħlu fil-kamp ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, u għalhekk l-ilment tal-appellanta għandu jinġieb quddiem il-Qorti li għandha l-kompetenza li tisma' tali ilment, u mhux quddiem din il-Qorti. Jgħid li dan l-appell m'għandux jintlaqa' għaliex l-appellanta kellha rimedju f'każ li riedet timpunja d-deċiżjoni tal-appellat, billi tressaq l-ilment tagħha quddiem l-Arbitru. Imma f'dan l-istadju, jgħid l-appellat, l-appellanta m'għandha l-ebda dritt timpunja d-deċiżjoni tal-appellat quddiem din il-Qorti abbażi tad-dritt amministrattiv.

10. Il-Qorti kkonsidrat li l-appell ippreżentat mill-appellanta huwa bbażat fuq il-lanjanza li ġew miksura l-prinċipji tal-ġustizzja naturali fil-konfront tagħha, għaliex l-appellat naqas milli jinfurmaha li kienet qiegħda tiġi investigata, u meta hija ġiet infurmatha bid-deċiżjoni tal-appellat li twaqqfitilha l-Għajnuna Soċjali meta din id-deċiżjoni kienet diġà ttieħdet mill-appellat. L-appellanta tgħid li l-*modus operandi* tal-appellat jilledi l-prinċipji tal-ġustizzja naturali għaliex hija ma ngħatatx l-opportunità li tippreżenta l-każ tagħha qabel ittieħdet id-deċiżjoni li jitwaqqfilha l-benefiċċju soċjali li kienet tingħata. Il-Qorti kkonsidrat li l-appellat iddeċieda li jwaqqaf l-Għajnuna Soċjali li kienet tirċievi l-appellanta wara li rriżultalu li l-appellanta kienet dehret fuq kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà li kienet tal-ġenituri tagħha li hija kellha sehem minnha, u għalhekk lill-appellat kien irriżultalu li l-appellanta kellha kapital li

kien jeċċedi l-massimu permissibbli mil-liġi, u b'hekk ma baqgħetx eliġibbli għall-Għajnuna Soċjali. Il-prova ewlenija li kellu l-appellat kienet il-kuntratt pubbliku tal-bejgħ tal-proprjetà, li l-appellanta dehret fuqu bħala waħda mill-bejjiegħa, u mill-istess kuntratt jirriżulta li l-appellanta pperċepiet is-sehem ta' kwart mir-rikavat tal-bejgħ, li b'kollox kien jammonta għal mija u tmienja u sittin elf Euro (€168,000). L-appellanta fl-ebda waqt ta' dawn il-proċeduri ma nnegat li hija rċeviet dawn il-flus, jew li bħala stat ta' fatt hija għandha fil-pussess tagħha kapital li ma jeċċedix l-erbatax-il elf Euro (€14,000), li hu l-massimu permess mil-liġi għall-eliġibbilità għall-Għajnuna Soċjali. Madanakollu l-appellanta qiegħda tressaq 'il quddiem l-ilment li d-deċiżjoni meħuda mill-appellat hija nulla għax skont hi ġew miksura fil-konfront tagħha l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u konsegwentement hija ma ngħatatx l-opportunità li tagħti l-verżjoni tagħha tal-fatti kif ġraw.

Il-Qorti kkonsidrat li appell minn deċiżjoni meħuda mill-appellat jista' jsir lill-Arbitru ai termini tal-artikolu 108 tal-Kap 318, u tali appell jista' jsir fuq punt ta' liġi jew fuq prinċipji ta' importanza li jistgħu jitqanqlu minħabba deċiżjonijiet li jittieħdu mill-appellat. Dan l-artikolu tal-liġi jelenka liema huma d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318 li deċiżjoni dwarhom tista' tiġi appellata quddiem l-Arbitru sabiex dan jerġa' jikkonsidra l-każ mill-ġdid fil-mertu. Mhuwiex previst mil-liġi li lanjanzi bħal dawk li tqajmu mill-appellanta f'dan l-appell, li jitressqu la quddiem l-Arbitru u lanqas quddiem din il-Qorti, imma l-

leġiżlatur stabilixxa l-forum kompetenti fejn lanjanzi ta' din ix-xorta jistgħu jitressqu.

Il-Qorti tqis ukoll li meta l-appellanta ġiet infurmata bid-deċiżjoni tal-appellat, li l-benefiċċju soċjali li kienet tirċievi kien ser jitwaqqaf, hija ġiet infurmatha wkoll li f'każ ta' nuqqas ta' qbil ma' din id-deċiżjoni, hija kellha d-dritt li tressaq appell quddiem l-Arbitru, kif fil-fatt jirriżulta li għamlet. Imma l-appellanta, minflok ma nqdiet b'din l-opportunità biex tipprova l-każ tagħha fil-mertu, jiġifieri li mhux veru li hija għandha jew li baqgħalha kapital li jeċċedi l-massimu ta' erbatax-il elf Euro (€14,000) sabiex tibqa' eliġibbli għall-Għajnuna Soċjali, fl-appell quddiem l-Arbitru qagħdet targumenta li fil-konfront tagħha kien hemm ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, għaliex ma ngħatatx l-opportunità li tressaq il-każ tagħha jew li tipprova ċ-ċirkostanzi tagħha qabel ittieħdet id-deċiżjoni mill-appellat, liema deċiżjoni għandu jiġi enfasizzat li ma kinitx waħda finali jew li minnha m'hemm l-ebda rimedju jew dritt ta' appell. Fil-fatt l-appell quddiem l-Arbitru kien jagħti opportunità lill-appellanta sabiex tipprova li l-appellat kien żbaljat fid-deċiżjoni tiegħu, li mhux minnu li hija għandha kapital li jeċċedi l-massimu permess mil-liġi, jew li hija saħansitra kellha bżonn tonfoq ammont sostanzjali minn dak il-kapital, b'tali mod li hija għadha eliġibbli għall-Għajnuna Soċjali. Huma dawn il-kawżali li abbażi tagħhom l-appellanta setgħet titlob lill-Arbitru jistħarreġ mill-ġdid id-deċiżjoni tal-appellat, partikolarment jekk hija għadha ssostni li ma ngħatatx smigħ xieraq mill-appellat qabel ħa d-deċiżjoni fil-konfront tagħha. Imma l-proċeduri quddiem l-Arbitru u eventwalment quddiem din il-Qorti, mhumiex il-forum

kompetenti indikat mil-leġiżlatur fejn l-appellanta tista' titlob stħarriġ tal-għemil amministrattiv tal-appellat jew tal-mod kif l-appellat jagħżel li jmexxi l-proċeduri fejn jirrevedi l-benefiċċji li jingħataw. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tqis li l-aggravji tal-appellanti mhumiex mistħoqqa u għalhekk tiċħadom.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi din il-Qorti qiegħda tiċħad dan l-appell, u konsegwentement tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**